MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 831/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 831/2008 fl-ismijiet:-**

**John (Karta tal-Identita' Numru: 461359M) u Maria Dolores sive Doreen (Karta tal-Identita' Numru: 438561M) konjugi Camilleri.**

**vs**

**Mallia Kevin (Karta tal-Identita' Numru 506973M).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' Joseph u Maria Dolores sive Doreen konjugi Camilleri datat 30 ta' Mejju 2008 a fol. 1 tal-process fejn talbu li l-intimat jigi inibit milli jbiegh jew jittrasferixxi l-fond "Country Lodge" fil-

kontrada ta’ Hofra tar-Rizz, fi Triq Misra Suffara, gja Triq Hofret ir-Rizz, limiti tar-Rabat, Malta, proprjeta’ tieghu, u dan in segwitu ta’ danni kkagunati lill-esponenti fil-fond taghhom “Il-Farfett”, fil-kontrada ta’ Hofra tar-Rizz, fi Triq Misra Suffara, gja Triq Hofret ir-Rizz, limiti tar-Rabat, Malta, liema fond huwa konfinanti mal-fond ta’ l-intimat mill-Punent tieghu, u wara l-kwantita’ kbira ta’ ilma li dahal fil-fond tal-esponenti mill-fond ta’ l-intimat fit-30 ta’ Dicembru 2007 – fir-rigward ta’ liema danni r-rikorrenti pprezentaw rikors mahluf quddiem din il-Qorti kontestwalment ma’ dan il-mandat, u f’liema rikors talbu l-likwidazzjoni u kundanna ta’ danni ta’ l-intimat ghall-hlas ta’ kwalsiasi somma hekk likwidata.

Rat id-digriet tat-30 ta’ Mejju 2008 fejn il-Qorti appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2008, u ordnat in-notifika ta’ l-istess rikors lill-kontro parti b’erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta datata 10 ta’ Gunju 2008 a fol. 7 tal-process fejn qed jopponi ghall-istess talba u dan peress li l-proprjeta’ indikata ghandha valur ta’ €420,000 (Lm180,306.00) u dan meta d-danni reklamati mir-rikorrenti ma jeccedux €25,814 (Lm11,081.95); li l-intimati huma koperti b’polza ta’ assikurazzjoni mahruga minn Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited (gia Aon) ghan-nom ta’ Lloyds li qed tigi hawn annessa u jafu li d-ditta assikurattrici ser tkopri lill-intimat ghad-danni jekk ikun hemm decizjoni gudizzjarja u dan fil- u sal-parametri ta’ l-istess polza; u b’hekk jinghad li ma hemm ebda pregudizzju rreparabbli ghar-rikorrenti u allura ma hemmx l-estremi necessarji sabiex jiggustifikaw l-ilqugh ta’ dan il-mandat; l-intimat cahad kategorikament li b’xi mod jahti ghall-hsarat hekk sofferti mir-rikorrenti u ma huwa bl-ebda mod negligenti u ma wettaq ebda nuqqas li minhabba fih jista’ jitqies responsabbli ghal dak indikat fir-rikors u ghalhekk t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-11 ta’ Gunju 2008 meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr. Raymond Zammit iddikjara ghan-nom tad-ditta

assikurattrici li hija tkun lesta *ai termini* u fil-parametri tal-polza ta’ assikurazzjoni sabiex ikopru id-danni jekk u meta dawn jigu ordnati minn sentenza fuq il-mertu u wara d-difensuri trattaw il-kaz u r-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-procedura ittentata mir-rikorrenti hija dik *ai termini* tal-**artikolu 873 tal-Kap 12** li jiddisponi fis-**subartikolu 2** tal-istess illi:-

*“Il-Qorti m’ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex iharsu id-drittijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”.*

Illi ghalhekk jidher car li l-elementi rikjesti sabiex jigi spedit Mandat ta’ Inibizzjoni huma anke skond is-sentenza “**Giacomo Galea vs Pio Bezzina”** (A.C. 5 ta’ Awissu 1954) **u “Id-Direttur tal-Kuntratti et vs George Xuereb”** (K.G.V. 14 ta’ Gunju 1995) huma tlieta:-

(a) Ir-rikorrenza ta’ wiehed mill-fatti elenkati **fl-artikolu 873 (1),** u cioe’ sabiex att jigi imwaqqaf milli jsir;

(b) lli jkun jidher *“prima facie”* li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li biha jista’ jirrekalu hsara jew molestja;

(c) Id-dritt huwa necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliciment biex jigu evitati danni, li jistghu dejjem jigu kwantifikati u rimedjati b’azzjoni *ad hoc*, u dan kif gie wkoll stabbilit bid-decizzjonijiet **“Angelo Xuereb nomine vs Marin Hili”** (K. (N.A.) 22 ta’ Settembru 1995) **“Freeport Terminal p.l.c. vs Union Haddiema Maghqudin”** (P.A. (RCP) 2 ta’ Frar 1999).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti tinnota li dan ir-rikors gie pprezentat *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 873** u f'dan il-kuntest jirrizulta li din il-Qorti ma thossx li tista' tilqa' dan il-mandat ghal diversi ragunijiet u anke peress li fl-istess ma giex indikat l-ammont ta' danni li l-istess rikorrenti qed jippretendi li l-intimat ghandu jhallas, b'mod li l-pretensjoni tal-istess rikorrenti ma giet bl-ebda mod ikkwantifikata.

Illi jidher mir-risposta tal-intimat li l-ammont ta' danni li b'xi mod l-istess rikorrenti kienu qed jippretendu kien jammonta ghal €25,814 (Lm11,081.95), izda dwar dan ma hemm xejn indikat fir-rikors ghall-mandat kawtelatorju;

Illi apparti dan r-rikorrenti ma kkontestawx is-sottomissjoni tal-intimat li l-proprjeta' li r-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tinibixxi l-bejgh taghha ghandha valur ta' €420,000 (Lm180,306), u allura ma hemm ebda paragun bejn dak li jista' jkun qed jigi pretiz mir-rikorrenti bhala danni u l-valur ta' proprjeta' li l-istess rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti li tinibixxi lill-intimat milli jbiegh jew b'xi mod jittrasferixxi – u fil-fatt din il-Qorti thoss li hemm divergenza kbira bejn dak li jista' jkun il-valur tal-pretensjoni tar-rikorrenti u l-valur tal-proprjeta' li r-rikorrenti qed jitlob l-inibizzjoni taghha.

Illi l-abbli difensur tar-rikorrenti sostna fit-trattazzjoni tieghu li fir-rikors guramentat prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors intalab ukoll li l-istess intimat jigi kkundannat li jaghmel xi xoghol fil-fond tieghu sabiex ma jibqax jigi ilma minn fuq il-proprjeta' ta' l-intimat ghal fuq il-proprjeta' tieghu jew xi domanda simili ghal dan, u b'hekk qed isostni li t-trasferiment tal-istess proprjeta' lil terzi taffetwalu dan ir-rimedju; fl-opinjoni ta' din il-Qorti din is-sottomissjoni ma' ghandhiex isservi sabiex jintlaqa' dan il-mandat u dan peress li l-kawzali ta' dan il-mandat ma jinkludux l-istess kawzali, u l-unika kawzali li hemm fl-istess mandat hija dik biss ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni *da parte* tal-istess intimat.

Illi mhux hekk biss izda relattiv ghat-talba maghmula u kif impostata mill-istess rikorrenti ma saret l-ebda

allegazzjoni li b'xi mod l-istess intimat qed jipprova jbiegh tali proprjeta' lill-terzi.

Illi fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma thossx li r-rikorrenti pprova l-elementi necessarji sabiex it-talba tieghu kif imposta tigi milqugha u partikolarment ma ppruvax sal-grad rikjest mill-ligi li ser isofri pregudizzju rrimedjabbli kemm-il darba ma jinharigx tali mandat u ghalhekk it-talba tieghu qed tigi michuda u f'dan il-kuntest din il-Qorti qed tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2008 fejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti provisorjament.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimat datata 10 ta' Gunju 2008 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tirrevoka *contrario imperio* id-digriet provisorju taghha datat 30 ta' Mejju 2008 fejn kienet laqghet provisorjament it-talba tar-rikorrenti, **tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom datat 30 ta' Mejju 2008 ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fit-termini hemm indikati** *stante* li l-istess hija insostenibbli ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------